MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2005

Numru 714/2003

**Il-Pulizija**
**Spettur Denise Mula**
**V**

**AHMAD MOUSSA YASSINE**
**ALI SAMIH TAKI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AHMAD MOUSSA YASSINE** ta' hamsin sena ta' nazzjonalita Lebaniza, bin Samih u Souad, imwieled Damasku, s-Sirja, nhar t-tlettax ta' Frar 1953 u detentur ta' passaport Lebaniz numru 032933 u **ALI SAMIH TAKI** ta' tlieta w ghoxrin sena ta' nazzjonalita Lebaniza, bin bin Mussa u Fathie imwieled Benghasi nhar l-ghaxra ta' Ottubru 1980 u residenti Barbara House, Triq Francesco Buhagiar, B'Kara, detentur ta' passaport Lebaniz numru 1046828 gew imressqa quddiemha

akkuzati talli fil-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2003 u fil-jiem ta' qabel din d-data, f'Malta, bi hsieb li jghamlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jghamlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonguraw f'dak is-sens ma xi persuni ohra.

Talli wkoll fil-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2003 u fil-jiem ta' qabel din d-data f'dawn il-Gzejjer, assocjaw ruhhom flimkien u/jew ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jghamlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti nnotat li din il-kawza kienet bdiet b'mod sommarju peress li l-Prosekuzzjoni kienet ippresentat l-kunsens tal-Avukat Generali [fol 43 dokument CSH 6] mal-presentata pero l-Qorti nnutat li l-piena f'kaz ta' htija, teccedi l-erbgha snin u ghalhekk kienet rrinvjat l-atti lura lil Avukat Generali.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tnax ta' Awissu 2004 [fol 98].

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta ta' nhar s-sitta ta' Settembru 2003 kif jirrizulta a fol 99 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat Ali Samit Taki jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' April 2005.

Ikkunsidrat:

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 xehed Bilal El Ali** [fol 11] fejn qal li hu gie lura mill-Lebanon bhala turist ghal habta ta' Awissu 2003 u meta kien Malta kien beda jahseb jekk setghax imur l-Germanja jew l-Italja jew xi post iehor. Qal li beda jfittex sabiex isib lil xi hadd li

jista jghinu w iltaqa mal-imputat Ali Samih Taki li gharaf presenti fl-awla u staqsih jekk setghax jghinu biex imur l-Italja.

Ghalhekk kien tah somma ta' elfejn u mitejn dollaru sabiex izommhomlu biex isiblu lil xi hadd biex isiefru. Qal li mieghu halla wkoll l-passaport tieghu. Qal li pero sa dakinhar li tah l-flus, kien ghadu ma ghenux. Ix-xhud kompla jghid li sussegwentement kienu marru l-Pulizija fuqu u sabuh fit-triq u sabu li l-viza tieghu kienet ser taghlaq jumejn wara. Qal li hu kien mar San Giljan sabiex jara jekk isibx lil xi hadd li setgha jehdu l-Italja. Qal li kull darba li tkellem ma Ali Samih Taki dan kien jghidlu li kien ser jarah l-ghada. Ikkonferma li hu kien tkellem ma Ali Samih Taki dwar l-arrangamenti pero hu kien jghidlu biex ma jitkellimx kif kien ser imur l-Italja. Stqarr li kien qaghad erbat ijiem f'lukanda f'San Giljan w imbaghad ghamel konoxxenza ma habib iehor u qaghad tlett ijiem ghandhom. Qal li l-flus li ta lil Ali Samih Taki hu tahomlu mhux bhala prezz biex jiehdu l-Italja, izda sabiex jzommhomlu fil-kustodja tieghu ghaliex fil-fatt kien hu stess li kien beda jfittex lil xi hadd li setgha jiehdu l-Italja. Huwa fil-fatt kien staqsa lil xi nies ohra pero hadd ma setgha jghinu. Qal li Ali Samih Taki kien qallu li jekk ried setgha jzommlu kemm il-passaport kif wkoll l-flus sakemm isib lil xi hadd jghinu. Ix-xhud qal li Ali Samih Taki kien qallu li ma kien jaf lil hadd li setgha jiehdu l-Italja u lanqas ma kien jaf lil xi hadd li setgha jghinu.
Darba minnhom kien ma certu Walid Ben Ahmed, li anke fil-fatt raqad ghandu, u dan kien ma xi nies ta' nazzjonalita Gharbija ohra u qallu li hu xtaq imur l-Italja pero Walid Ben Ahmed kien qallu li hu ma kien jaf lil hadd u ma kienx jaf kif effettivament setgha jmur hemmhekk. Mistoqsi jekk hadux Walid Ben Ahmed x'imkien, huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk hadux hdejn il-Wembley Garage huwa cahad din l-allegazzjoni. Ikkonferma li hu dejjem qaghad mal-mara tieghu waqt li kien hawn Malta u kien mal-mara tieghu meta Ali Samih Taki hadu ghand wahda mara biex jorqod ghandha sakemm irrangalhom biex imorru l-Italja.

Mistoqsi mill-Qorti jghid jekk lil Walid Ben Ahmed jafux ix-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li sar jafu meta Walid Ben Ahmed kien qallu li kien jaf lil xi hadd li setgha jghinhom, pero hadd ma ghenhom. Qal li huwa minnu dak li qed tghid l-Qorti li Walid Ben Ahmed mar jigbor lilu, lil martu u lil binthom f'nofs ta' lejl minn post fejn kien hallihom Ali Samih Taki. Qal li kien post hdejn l-bahar, ghalkemm ma kienx f'posizzjoni jghid l-post ezatt fejn kien. Qal li Walid Ben Ahmed wara kien hadhom jorqdu ghandu. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Ahmed Moussa Yassine, ix-xhud wiegeb li jafu ghaliex kien mar jorqod ghandu biss. Ix-xhud zied jghid li lil Ali Samih Taki jafu bhala l-istess persuna li hadithom ghand dik il-mara u li tah l-flus, ghalkemm ma kienx jaf x'ghamel Ali Samih Taki bil-flus li tah.

Illi **nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 xehdet Laila Ramadan** [fol 14] fejn qalet li hi giet Malta flimkien ma zewgha u marru joqghodu l-Viking Hotel f'San Giljan fl-erbatax ta' Awissu 2003. Qalet li hi u zewgha flimkien ma binthom marru d-dar ta' Ali Samih Taki, li gharfet presenti fl-awla bhala l-imputat, u susegwentement hadhom ghand xi mara li ma kienetx taf. Hija marret hemm bil-ghan li tittiehed l-Italja. Mistoqsija min kien ser johodhom l-Italja x-xhud wiegbet li ma kienetx taf. Ikkonfermat li lil imputat tafu u ziedet tghid li tawh xi flus u l-passaport taghhom.

Spjegat li ghand din l-mara damu xi jumejn jew tlieta. Jum minnhom Ali Samih Taki hadhom hdejn il-bahar u qaghdu jistennew hemmhekk sa xi l-erbgha ta' filghodu bil-ghan li jigu xi nies biex johduhom l-Italja, pero hadd ma kien mar ghalihom u wara kien mar l-imputat u hadhom lura d-dar.

Illi **nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2003 xehdet Anna Elizabeth Grima** [fol 22] fejn qalet li hija sid il-Viking Hotel f'San Giljan u li kienet taf lil imputat Ali Samih Taki presenti fl-awla peress li kien mar ghandha u qalilha li kien jahdem bhala chef ma restaurant maghruf bhal Allegro Andante. Qalet li kien mar fix-xahar ta' Gunju u qalilha li xtaq li jaghmel xi prenotazzjonijiet ghal xi nies u

fil-fatt hekk ghamel. Qalet li t-tifel taghha kien ghamel dawn il-prenotazzjonijiet u kien baghat fax u fil-fatt dawn in-nies qatt ma waslu. Qalet li minn dakinhar 'l quddiem ma regghux raw lil imputat.

Spjegat pero li fl-erbatax ta' Awissu 2003 kienet marret koppja b'tifla zghira ghandhom u kienu tawha l-karta tal-booking li giet mmarkata bhala dokument AB [fol 25]. Qal li dik ma kienetx l-istess karta li kien baghat t-tifel taghha, kienet ohra differenti ghaliex li kien baghat t-tifel taghha kienet ghal Gunju u mhux Awissu kif hemm miktub fuq d-dokument AB. Qalet li dawn kienu qalulha li kien hallsu hames mitt dollaru f'pajjizhom ghal dak s-soggorn u hi kienet qaltilhom li ma kienet irceviet ebda pagament, ghalhekk offrietilhom li jekk riedu setghet ssibilhom kamra ghal jumejn. Qalet li fil-fatt hallsuha ghal jumejn u cioe tmienja w tletin lira maltin. Fissret li certu Bilal Ali El Ali kien taha l-flus u li hi kienet spostjat xi studenti li kellha fil-lukanda u qaltlu li jekk ried setgha joqghod ghal xi jumejn ohra. Qalet li ghat-tieni zewgt iljieli kien hallasha l-imputat Ali Samih Taki presenti fl-awla. L-imputat Ali Samih Taki kien sussegwentement talabha ricevuta ta' erbgat ijiem u hi kienet tatu kopja tar-ricevuta li hemm esibita bhala dokument AB 1[fol 26].

Ikkonfermat li hi ma kienetx taf ghal min kienet il-prenotazzjoni li kien ghamel binha ghal Gunju, pero tahseb li kienet ghal istess nies. Mistoqsija jekk kellhiex kopja tal-fax li ntbaghtet ix-xhud wiegbet fin-negattiv. Qalet li din kienet giet miktuba bl-idejn w inghatat lil imputat. Qalet li kienet staqsiet lin-nies li kellha fil-lukanda fejn kienu sejrin u l-imputat kien wegibha li kienu sejrin Ghawdex u kien zied jghidilha li kellhom jaslu tmienja minn nies ohra u li ried tlett ikmamar ohra double u zewg singles pero ma kienx taha isimhom. Qalet li dan kellu jcemplilha pero m'ghamilx hekk.

Illi **nhar t-tnax ta' Settembru 2003 xehdet l-Ispettur Denise Mula** [fol 29] fejn qalet li fil-wiehed u ghoxrin ta' Awissu 2003 l-Ispettur Mangion tal-SAG infurmaha li kien ircieva nformazzjoni li kien hemm xi familja ta' nazzjonalita Lebaniza li kienet tikkonsisti f'mara, ragel u tarbija li kienu

ser jippruvaw jhallu Malta klandestinament u ghalhekk hu kien mar fuq il-post indikat lilhom flimkien ma WPC 54 u gabru lil din il-familja u haduhom s-CID. Ix-xhud kompliet tghid li meta tkellmet ma din il-familja, r-ragel qal li kienu gew mill-Libja b'dghajsa, thallew hemmhekk fejn kellhom jergghu jigu migbura u jaqbdu t-triq taghhom lejn l-Italja u li kienu qed jistennew lil xi hadd jigborhom biex jehodhom l-Italja meta gabruhom il-Pulizija. Qalet li dawn bdew jinsistu li kienu ta' nazzjonalita Palestinjana pero dokumenti fuqhom ma kellhomx ghaliex qalu li kienu hallewhom mal-persuni li kienu gabuhom bid-dghajsa mill-Libja. Qalet li l-ghada filghodu, meta regghet tkellmet maghhom, il-mara w r-ragel baqghu jinsistu li kienu ta' nazzjonalita Palestinjana u li kienu gew mill-Libja b'dghajsa. Qalet li meta kellmithom aktar tard, huma ammettew li kienu ta' nazzjonalita Lebaniza u li kien jisimhom Bilal El Ali, Ramadan Khaled Laila u t-tarbija kien jisimha Mohammed El Ali u li kienu gew Malta mill-Lebanon fuq flight minn Cipru bhala turisti u li kellhom visa regolari biex gew hawnhekk. Meta hi staqsithom fejn kienu l-passaport taghhom, Bilal El Ali kien qalilha li l-passaport kienu qeghdin ghand kok ta' nazzjonalita Lebaniza li kien jahdem f'restaurant hdejn x-Xatt ta' San Giljan.

Minn stharrig li kienet ghamlet qabel mas-sidien tal-Viking Hotel, gie stabbilit fejn kienet qed tghix din il-familja qabel ma nstabet mill-Pulizija u minn Bilal El Ali stess rrisulta li din il-persuna kienet certu Ali Samih Taki li kien chef fl-Allegro Andante. Qalet li meta marret nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Awissu ghall-habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar fir-restaurant in kwistjoni hemmhekk sabet lil chef Ali Samih Taki, li gharfet bhala l-imputat Ali Samih Taki presenti fl-awla u minn tfittxija li saret fil-locker tieghu, rrizulta li kien hemm tlett passaporti ta' tlett persuni ta' nazzjonalita Lebaniza u cioe ta' Nader Kamal Tahan, Jihad Khalif Tahan u Hussein Haji. Dawn kienu go envelopp flimkien ma tlett biljetti tal-ajru tal-Alitalia - Beirut - Milan, Milan - Malta u Malta - Milan - Beirut. Qalet li meta staqsiet lil imputat Ali Samih Taki fejn kienu dawn t-tlett minn nies hu rrispondiha li kienu qeghdin Ghawdex. Ix-xhud esibit l-istess passaporti li gew mmarkati bhala

dokument SM. Qalet li minn hemmhekk marret fil-flat tal-imputat Ali Samih Taki f'Bugibba u minn tfittxija li saret rrizulta li go vanity case zghira kien hemm l-passaporti ta' dik il-familja ta' nazzjonalita Lebaniza u cioe ta' Bilal El Ali, tal-mara tieghu Ramadan Khaled Laila u tat-tarbija Mohammed El Ali. Qalet li barra dawn t-tlett passaport instabu wkoll zewg passaporti ta' persuni Lebanizi ohra certu Fadel Abas Kazem u Abdel Karim Mehdi Alutah li kienu gew Malta fis-sena 1999. Ix-xhud esibit dawn iz-zewg passaporti li gew mmarkati bhala dokumenti SM 1 u SM 2. Qalet li l-imputat Ali Samih Taki ttiehed d-Depot tal-Pulizija fejn ittehditlu stqarrija wara li gie moghti s-solita twissija fejn fiha stqarr li kien ilu Malta mis-sena 1995 u li kien jahdem regolari hawn Malta bhala chef. Meta gie mistoqsi dwar t-tlett passaporti l-imputat kien qalilha li wiehed minnhom kien ragel ta' nazzjonalita Palestinjana jismu Mattia u kien qallu biex izommlu dawk l-passaporti u li kien ser jigborhom minghand ghandu aktar 'l quddiem. Meta gie mistoqsi kemm kienu ilhom ghandu l-imputat kien wegibha xi xahar jew xahar u nofs. Meta gie mistoqsi fejn kienu dawn in-nies, l-imputat kien wegibha li ma kien jaf xejn dwarhom.

Ghar-rigward l-passaporti l-ohra u cioe ta' Fadel Abas Kazem, Abdel Karim Mehdi, Bilal El Ali, Ramdan Khaled Laila u t-tarbija Mohammed El Ali, l-imputat wiegeb li lil dawn hu kien rahom fil-lukanda ta' hdejn r-restaurant fejn kien jahdem u kienu qalulu li riedu johorgu minn Malta lejn l-Italja. Qal li hu kien staqsa lil habib tieghu certu Ahmed Moussa Yassine jekk kienx jaf xi hadd li setgha johodhom l-Italja u allegatament qallu li kien ser ikellmu dakinhar filghaxija. Spjega li filghaxija hu kien rega' kellem lil Ahmed Moussa Yassine u dan kien qallu li kollox kien sew u li f'dak l-istess lejl dawk il-persuni kellhom jaharbu minn Malta. Qal li dakinhar stess li kien jum l-Erbgha, filghaxija ghal xi l-hdax u nofs ta' bil-lejl hu kien hadhom hdejn il-Wembley Garage fejn kien mar wiehed fartas li suppost kellu jehodhom l-Mellieha u hu telaq minn fuq il-post. Ix-xhud kompliet tghid li meta staqsietu kemm kien thallas ta' dak ix-xoghol l-imputat kien wegibha xi tlett mitt dollaru.

Kompliet tghid li meta staqiet lil imputat Ali Samih Taki kemm kienet hallset il-familja ta' nazzjonalita Lebaniza biex titlaq lejn l-Italja, l-imputat kien wegibha li kienu tawh elfejn dollaru. Qalet li l-imputat Ali Samih Taki kien qalilha li minn dawn il-flus hu kellu jhallas l-lukanda, l-karozza, taxi, petrol u ta elf u tlett mitt dollaru lil Libjan deskritt bhala l-fartas. Qalet li meta staqsiet lil imputat Ali Samih Taki kemm kien ha Ahmed Moussa Yassine, dan kien wegibha li ma kien ha xejn ghaliex Ahmed Moussa Yassine kien qallu biex jaghti l-flus lil Libjan 'fartas'. Qalet li l-imputat Ali Samih Taki kien qalilha li Ahmed Moussa Yassine kien mar mieghu ghand tal-Wembley, hadu l-familja l-Mellieha, qallu biex jwasslu lura sa hdejn r-restaurant u mar mieghu.

Ziedet tghid wkoll li meta staqsiet lil imputat Ali Samih Taki dwar l-passaporti l-ohra li kienu nstabu fid-dar tieghu, u cioe ta' Abdel Karim Mehdi u Fadal Abez Kazem, u fejn kienu dawn l-persuni, l-imputat kien wegibha li fis-sena 1999 hu kien f'gardina u kien hemm wiehed li kien ra l-passaport fuq il-bar u kien zammhom. Qalet li meta staqsietu ghalfejn kien zammhom l-imputat Ali Samih Taki kien wegibha "x'naghmel, narmihom !". Qalet li meta staqsietu fejn kien Mattia li suppost kien qallu biex izomm l-passaport ta' nies ohra, l-imputat kien qalilha li dan kien refugjat u joqghod il-Hamrun, pero ma kien jaf xejn aktar dwaru. Ix-xhud esibit l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Ali Samih Taki li giet mmarkata bhala dokument SM 5 [fol 41].

Qalet li dakinhar stess filghaxija gie arrestat l-imputat l-iehor Ahmed Moussa Yassine li gharfet presenti fl-awla. Spjegat li meta wrietu l-passaporti, l-imputat Ahmed Moussa Yassine kien qalilha li kien mar wiehed li jahdem bhala chef li jismu Ali Samih Taki u kien staqsih jekk kienx jaf lil xi hadd li setgha jiehu familja lejn l-Italja, pero hu kien qallu li ma kien jaf lil hadd. L-imputat Ahmed Moussa Yassine kien qalilha li Ali Samih Taki kien qallu "*Hawn tant Libjani mas-saqajn u jissemmew li jiehdu lil dawn n-nies lejn l-Libja, kif ma tafx!*" L-imputat Ahmed Moussa Yassine zied jghidilha li hu filghaxija kien staqsa lil Libjan li kien imur fir-restaurant taghhom u dan kien qallu li kellu

habib li kien jista jaghmel dak ix-xoghol u tah n-numru tal-mobile li kien 79277258. L-imputat Ahmed Moussa Yassine kien cempel fuq dak in-numru w irrakkuntalu l-istorja u wara cempel lil Ali Samih Taki u qallu li kien sab lil xi hadd. Dakinhar filghaxija c-chef Ali Samih Taki kien cempel lil imputat Ahmed Moussa Yassine u qallu li l-mara kellha baby u li dawn ma kellhomx flus bizzejjed biex jhallsu ghal baby u l-imputat Ahmed Moussa Yassine cempel lil Walid Ben Ahmed li kellu jirranga biex jiehu lil dawn n-nies lejn l-Italja u meta qallu li din kellha baby maghha, dan kien qallu biex ma jiehux hsieb ghaliex ma kienx jiccargja flus ghal tfal izghar minn hames snin.

Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat Ahmed Moussa Yassine kien qalilha li hu kien cempel lil Ali Samih Taki u qallu li meta jispicca mix-xoghol fil-hdax u nofs ta' filghaxija kellhom jmorru t-tnejn flimkien ghand l-Libjan biex jghaddulu n-nies dakinhar. Qalet li kien qalilha wkoll li hu kien cempel lil Walid Ben Ahmed u staqsih fejn kienu ser jiltaqghu u kien tah appuntament fejn l-pompa tal-petrol tas-Swieqi. Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat Ahmed Moussa Yassine qalilha li huma marru igibu lil Walid Ben Ahmed u fil-karozza kien hemm Ali Samih Taki, c-chef u tlett Lebanizi. Qalet li meta Ali iltaqa ma Walid Ben Ahmed bdew jitkellmu bejniethom u l-imputat Ahmed Moussa Yassine qal li semgha lil Walid Ben Ahmed jghid li Ali Samih Taki kien ser jehodhom f'dan il-post fejn kellu jharrabhom permezz ta' karozza tal-Wembley Garage. Qalet li l-imputat Ahmed Moussa Yassine mar flimkien mal-imputat Ali Samih Taki lejn il-Wembley Garage, hemm raw karozza u hallew lil Lebanizi hemmhekk fejn kellhom jiltaqghu ma Walid Ben Ahmed li kellu jehodhom lejn dak l-post biex jaharbu. Qalet li dak l-hin, meta kien ser jitlaq lura lejn x-xoghol u kien ser jaqsam t-triq, Ali Samih Taki ghajjat lil l-imputat Ahmed Moussa Yassine u staqsih jekk kellux flus biex ihallas t-taxi peress li riedu flus maltin u effettivament kien hallas hu.

Ix-xhud ziedet tghid li l-imputat Ahmed Moussa Yassine qal fl-istqarrija tieghu li Ali Samih Taki qallu biex jghid lil Walid Ben Ahmed li kellu hdax minn nies ohra xi jharrab halli hu ma jaghmilx tricks b'dawk in-nies u ma

jharrabhomx halli l-*business deal* tkun secure u Walid Ben Ahmed kien qallu li kollox kien sew.  L-ghada filghodu Walid ben Ahmed kien mar r-restaurant tal-imputat Ahmed Moussa Yassine u staqsih fejn kienu l-hdax minn nies l-ohra u dan kien rrispondih li ma kienx hemm hdax minn nies ohra u li dik kienet bicca xoghol li kien qal l-imputat Ali Samih Taki biex jghidlu.  L-imputat Ahmed Moussa Yassine kien qal li c-chef Ali Samih Taki kien qallu li dawk in-nies fil-fatt kienu gia waslu l-Italja.  Qalet li meta kienet staqsiet lil l-imputat Ahmed Moussa Yassine kemm kienet hallset din il-familja Lebaniza biex tmur l-Italja dan kien wegibha li Walid Ben Ahmed kien qallu li kienu hallsu elfejn u tlett mitt dollaru biex jehodhom hemmhekk u li Ali Samih Taki kien ta elf u tlett mitt dollaru lil Walid Ben Ahmed, jigifieri sitt mija u hamsin dollaru kull wiehed ghal mara w ghar-ragel.    L-imputat Ahmed Moussa Yassine, qalet x-xhud, kien qalilha li Walid Ben Ahmed kien gerger ghal fatt li ma tawhx bizzejjed flus u li fil-fatt ma kienx nghata elfejn u tlett mitt dollaru izda elf u tlett mitt dollaru u c-chef Ali Samih Taki kien qallu li kien veru u li pero hu ried il-hames mitt dollaru l'ohra ghal affarijiet li kien nefaq.  Ziedet tghid li fil-fatt rrizultalha li din il-familja ma kienetx qed toqghod f'lukanda Viking ghal erbat ijiem u kienu hallsu ghal lukanda huma stess ghal ewwel erbat ijiem u ghal erbat ijiem ta' wara kien hallas c-chef Ali Samih Taki.  Irrizultalha wkoll li din il-familja kienet ghamlet xi lejl torqod ghand wahda mara li jisimha Fatima pero mit-tfittxija li saret minn naha taghha din il-persuna m'instabitx.  Ix-xhud esibit l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Ahmed Moussa Yassine li giet mmarkata bhala dokument SM 4 [fol 39].

Qalet li sussegwentement kien gie arrrestat Walid Khames Ben Ahmed peress li kien gie mplikat miz-zewg imputati presenti fl-awla bhala li kien il-persuna li hadet l-flus biex tharrab lil Lebanizi.  Meta gie arrrestat Walid Khames Ben Ahmed dan gie mitkellem minnha.  Ix-xhud kompliet tghid, fir-rigward l-flus li suppost li ha minghand l-Lebanizi, dan cahad li qatt ha l-flus minghandhom u qal li l-flus kollha kienu ghand l-imputat Ali Samih Taki li kien zammhom kollha hu.  Qalet li meta dan gie mistoqsi x'kien jaf dwar il-flus, Walid Khames Ben Ahmed kien qalilha li

hu kien gie avvicinat biex jharrab lil dik il-familja lejn l-Italja u li kien hu li cempel lil Pulizija biex jgharrafhom b'dan.

Illi **nhar s-sittax ta' Frar 2005 xehed l-imputat Ali Samih Taki** [fol 114] fejn qal li hu ilu Malta hdax il-sena. Mistoqsi kif sar jaf lin-nies li xehdu f'dawn il-proceduri u cioe Bilal El Ali u Ramadan Haled Laila x-xhud qal li hu ghamel zmien jahdem fl-istabbiliment Allegro Andante Restaurant bhala chef u li kultant kien imur jixtri s-sigaretti minn supermarket li hemm vicin l-lukanda u hemmhekk sar jaf lil Bilal El Ali u peress li kien gej minn pajjizu kienu jghinu lil xulxin.

Qal li sussegwentement kien sar jaf lil familja ohra permezz tal-internet li toqghod San Pawl il-Bahar. Qal li lil Bilal El Ali kien wrih ix-xewqa li xtaq imur joqghod in-naha ta' fuq u ghalhekk kien wasslu San Pawl u hallielu n-numru tat-telefon tieghu f'kaz li jkollu bzonnu. Qal li wara ftit lil Bilal El Ali kien qallu li xtaq imur l-Italja u qallu li ma kienx xoghol tieghu u li ma kienx jaf kif isiru dawk l-affarijiet. Qal li sussegwentement kien staqsa lil ko-akkuzat Ahmed Moussa Yassine jekk kienx jaf lil xi hadd u dan kien qallu li ma kien jaf lil hadd pero kien qallu wkoll biex jaghtih ftit cans sabiex jistaqsi u kellu jcempillu lura dakinhar jew l-ghada.

Spjega li xi jumejn wara l-ko akkuzat Ahmed Moussa Yassine kien mar ghandu fuq x-xoghol u qallu li kien hemm cans li dakinhar stess filghaxija dik il-persuna setghet titlaq l-Italja. Ix-xhud kompla jghid li hu kellu jehodhom San Pawl u dakinhar stess bil-lejl lil Bilal El Ali kellu jcempillu kull saghtejn biex ikun jaf x'kien ser isir. Fil-fatt dan Bilal El Ali kien cempel diversi drabi li dejjqu u anke problema fuq x-xoghol kellu b'dawk t-telefonati. Qal li fl-ghaxra w nofs ta' bil-lejl Bilal El Ali u hu ftehmu li jiltaqghu hdejn il-pompa tal-petrol tas-Swieqi biex dakinhar stess bil-lejl jlestu dik il-bicca xoghol. Qal li ghal habta tal-hdax ta' bil-lejl wasal Ahmed Moussa Yassine u nizel Pembroke flimkien ma Bilal El Ali, martu u ibnu u zewg zaghzagh ohra.
Qal li x'hin ra lil dawk iz-zewg zaghzagh l-ohra u staqsa lil Ahmed Moussa Yassine min kienu, dan kien wiegbu li

dawk kienu ser jmorru ma Bilal El Ali fuq il-vjagg u li kienu huma li kienu ser jiehdu hsieb il-vjagg. Qal li hu staqsihom fejn kienu sejrin u dawn qalulu li riedu jmorru c-Cirkewwa u hu qalilhom li ma kienx lest li jwassalhom c-Cirkewwa u minflok wassalhom fejn il-Wembley Garage. Qal li kif wassalhom hemmhekk, kellimhom u hallihom hemm u ma kellu xejn aktar x'jaqsam maghhom.

Ikkonferma li Bilal El Ali kien tah xi flus biex jzommhom ghandu fl-ammont ta' elf u tmien mitt dollaru. Qal li hu kien sarraflu tlett mitt dollaru li jammontaw mija u hmistax il-lira maltin ghaliex ma kellux flus biex jghix, u l-elf u tlett mitt dollaru li kien fadal kien tahom lura lil Bilal El Ali. Qal li pero l-passaport ta' Bilal El Ali kien baqa ghandu ghaliex kien qallu li ma kellux bzonnu aktar. Originarjament din il-familja kienet toqghod l-Viking Hotel u li din il-lukanda kien hallasha hu s-somma ta' sebgha w sittin lira mill-flus li kien tah l-istess Bilal El Ali. Qal li dawn damu hemmhekk xi tlett ijiem u wara kien wassalhom San Pawl il-Bahar.

Stqarr li hu xtaq jehles minn din il-kwistjoni u mhux johdilhom il-flus. Qal li hu ma kienx presenti meta saru t-trattattivi biex imorru l-Italja. Qal li meta staqsewh biex isiefru hu kien qalilhom li hu kien ilu Malta ghal hdax il-sena minghajr problemi u li xtaq ikompli b'dik il-hajja u qalilhom li kien ser jfittex lil xi hadd li setgha jaghmel dak ix-xoghol. Qal li hu <u>kien dahal f'dik il-bicca nkwiet ghal ewwel darba f'hajtu u li jiddispjacih li sab ruhu f'dik s-sitwazzjoni</u>.

Qal li ghall-ewwel hu xtaq li jibda jopera restaurant li hemm fil-Giardino, Sliema. Sussegwentement hu kien importa xi platti u ceramika ghal dan t-tip ta' xoghol mill-Lebanon, pero din il-bicca xoghol ma kienetx irnexxiet peress li nqala xi disgwid bejn s-socji u ghalhekk beda jara x'setgha jaghmel bil-materjal li kien lahaq xtara. Qal li go wahda mill-kaxxi li hu kien garr kien pogga xi passaporti ta' terzi ghaliex ma kienx jaf x'ser jaghmel bihom. Qal li wara mar l-Ambaxxata Lebaniza ghaliex tiehu hsieb u hallihom hemmhekk. Mistoqsi ghaliex ma hadhomx ghand il-Pulizija x-xhud wiegeb li hu kien jahrabhom dawk l-affarijiet u li ma kienx jdeffes rasu

f'dawk l-affarijiet u li ma riedx jidhol f'aktar inkwiet. Qal li l-passaporti li nstabu ma kienux l-istess li sabu l-Pulizija fil-locker tieghu. Qal li l-passaporti tal-Lebanizi ghadhom ghandu sa dakinhar u li dawk li kienu sabu l-Pulizija kienu passaport li kien hallihom f'envelopp kannella maghluq certu Makkia li kien klijent regolari u li hu ma kienx jaf bihom. Qal li Mattia kien talbu biex jhalli dak l-envelopp ghandu sakemm jerga imur lura ghalihom u hu hekk kien ghamel. Qal li hu kien fil-fatt wassal lil Makkia il-Hamrun. Qal li lilu Mattia ma kienx qallu li fl-envelopp kien hemm l-passaporti, qallu li kienu karti u li kellhom jzommhomlu sakemm ibiddel d-dar tieghu. Qal li meta staqsa lil dan Makkia x'kien fih l-envelopp, dan kien qallu li kienu dokumenti ghaliex kien bi hsieb jbiddel d-dar. Qal li ma kienx ikun sens li hu ikun jaf li kienu passaporti u jhallihom fil-bar fil-locker. Qal li hu sab ruhu f'sitwazzjoni quddiem impjegati ohra u kien gie mmanettjat mill-Pulizija u kien ixxukkjat u ma kienx jaf x'jirrispondi lil Pulizija. Mistoqsi ghaliex kien qal lil Ispettur li dawk in-nies tal-passaport kienu Ghawdex, l-imputat wiegeb li ma kienx jaf ghaliex qalilha hekk. Qal li hu ma messux dahal f'din il-bicca xoghol. Zied jghid li hu ghandu familja u tifel hawn Malta.

<u>L-imputat Ahmed Moussa Yassine ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri</u> kif del resto kellu kull dritt li jaghmel.
Il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghaz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputati esibiti fl-atti a fol 39 et seq, markati bhala dokumenti SM 4 u SM 5.

L-imputat Ahmad Moussa Yassine jghid meta gie mistoqsi jekk jafx lil familja Bilal El Ali, mart Ramadan u ibnu Mohammed, wiegeb fl-affermattiv.

Spjega li Ali, li huwa kok kien staqsih jekk kien jaf lil xi hadd li setgha johodhom lejn l-Italja. Imbaghad qalu daqs kemm hemm Libjani li jaghmlu dan x-xoghol. Wara hu qallu li kien ser isaqsi Libjan li hu klijent rgolari tar-restaurant fejn jahdem u dan effettivment kien jaf lil xi hadd w in effetti kien tah in-numru tal-mobile ta' din il-persuna certu Walid Ben Ahmed. Huwa ghalhekk cempillu u ftiehem mieghu w informa lil Ali Samih Taki li kien irnexxilu jirranga. Ali infurmah li l-koppja Liala

Ramadan u Bilal El Ali riedu jsiefru lil binhom minuri maghhom u dan il-Libjan Ben Ahmed qal lil Ahmad Moussa Yassine li ma kienx hemm problema ghaliex stante l-eta zghira tieghu ma kienx ser izomm flus tieghu.

Aktar tard dakinhar ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl, Ahmad Moussa Yassine iltaqa ma Ali Samih Taki li kellu mieghu din il-familja Lebaniza u flimkien marru jiltaqghu ma Walid Ben Ahmed hdejn il-pompa tal-petrol s-Swieqi. Meta waslu, Walid Ben Ahmed beda jitkellem ma Ali Samih Taki. Huwa hallas t-taxi taghhom biex Laila Ramadan, Bilal El Ali u ibnu Mohammed marru lejn il-Mellieha.

Zied jghid wkoll li Ali Samih Taki qallu biex jghid lil Walid Ben Ahmed li kellu hdax il-persuna ohra li xtaqu jitilqu minn Malta, ghalkemm wara rrizulta li dan ma kienx minnu. L-ghada Ali Samih Taki kien qal lil Laila Ramadan, Bilal El Ali u ibnu Mohammed kienu waslu l-Italja.

Mistoqsi kemm halset din il-familja ghal vjagg taghhom l-imputat Ahmad Moussa Yassine, wiegeb li Ali hallas elfejn u tlett mitt dollaru Amerikan u minnhom Ali Samih Taki hallas lil Walid Ben Ahmed elf u tlett mitt dollaru Amerikan. L-imputat spicca l-istqarrija tieghu bili qal li ddispjacih talli ghamel hekk.

Illi din l-istqarrija fl-ebda hin ma giet kontradetta mill-imputat stess li rrilaxxjha.

L-imputat Ali Samih Taki wkoll irrilaxxja stqarrija u qal li huwa minnu li waqt spezzjoni li saret fil-locker tieghu, il-Pulizija sabet tlett passaporti u tickets ta' tlett persuni Lebanizi, pero qal li dawn gew moghtija lilu minn Palestinjan li jismu Makkia li qallu biex izommhomlu. Mistoqsi kemm kien ilhom ghandu l-imputat wiegeb li kienu lhom ghandu xi xahar jew xaghrejn u nofs. Mistoqsi x'kienu qed jaghmlu hames passaporti Lebanizi ohra fid-dar tieghu, fosthom tal-familja Ali, dan qal li huwa kien gie avvicinat minnhom u talbuh biex jghinhom jsiefru lejn l-Italja u kienu hallew l-passaporti taghhom ghandu. Huwa

kien kellem lil ko-akkuzat Ahmad Moussa Yassine fuq din il-kwistjoni u aktar tard, dakinhar stess, Yassine kien qallu li sablu lil xi hadd biex iharrabhom. Ikkonferma li kien hu li hadhom hdejn il-Wembley Garage biex jiltaqghu ma min kellu jsiefirhom u ghal dan x-xoghol thallas tlett mitt dollaru Amerikan. Spjega li effettivament kienu tawh elfejn dollaru Amerikan u minnhom hallas l-lukanda, taxi w petrol u hallas lil Libjan fartas li rnexxiehlu jsiefirhom minn hawn. Mistoqsi x'ha Ahmed Moussa Yassine, l-imputat Ali Samih Taki wiegeb li ma ha xejn ghaliex kien qallu biex jaghtihom lil Libjan li kien ser isiefirhom. Mistoqsi ghaliex ghamel dak li ghamel, l-imputat Ali Samih Taki wiegeb li '*kien ghama u ried il-familja tghix tajjeb*."

Illi ghalhekk, din il-Qorti ghandha versjoni tal-fatti ta' kif gara l-incident in kwistjni mill-imputati stess. Il-Qorti tirrimarka li fil-fatt dak li qalu l-impuat fl-istqarrija hija korroborata mix-xhieda tieghu moghtija viva voce.

L-Avukat Difensur tal-imputat Ahmad Moussa Yassine sostna li l-artikolu 48A moghti mill-Avukat generali fir-rinviju tieghu tat-tnax ta' Awissu 2004, ma kellux jinghata peress li jitkellem fuq il-principju t'assocjazzjoni b'mod generali, filwaqt li l-artikolu 337A wkoll moghti mill-Avukat Generali jipprovdi dwar r-reat ta' traffikar ta' persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi, u dan a bazi tal-principju "*lex specialis derogat lex generalis*." Bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbilx ma din il-linja difensjonali ghaliex z-zewg akkuzi huma naxxenti mill-Kodici Penali li huwa l-*lex generalis*.
L-artikolu 48A li jipprovdi dwar l-assocjazzjoni jista jirrizulta biss jekk il-Qorti ssib lil imputat hati taht r-reat kif dispost fl-artikolu 337A, ghalkemm l-artikolu 48A jipprovdi ghal tnaqqis ta' gradi fil-piena jekk d-delitt li tieghu jinsab hati, ma jkunx gie kkunsmat. Illi f'dan il-kaz, d-delitt huwa ta' traffikar ta' persuni sabiex dawn jiddahhlu jew jinhargu minn Malta kontra l-ligi, li effettivament gie kkunsmat ghaliex il-familja Lebaniza telqet minn Malta, u ghalhekk l-artikolu 48A ma jappliikax ghal dan il-kaz ghal din r-raguni, mhux ghar-raguni migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Dwar il-mertu, l-Avukat Difensur dejjem tal-imputat Ahmed Moussa Yassine, sostna li element krucjali ghal ezistenza ta' dan r-reat ta' traffikar ta' persuni huwa li t-traffikant ikun ghamel qligh permezz tat-traffikar tal-persuni.

Harsa lejn l-artikolu 337A, jipprovdi li l-elementi ta' dan r-reat huwa s-segwenti:

a. il-hsieb li jaghmel qligh li jkun,
b. jghin, jassisti, jaghti parir jew ihabrek biex
c. pesuna ohra tidhol, jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog, jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta,
d. jikkongura f'dak fis-sens ma persuna ohra.

Illi dawn l-elementi kollha iridu jkunu presenti sabiex l-Qorti tkun tista ssib lil imputat Ahmed Moussa Yassine hati.

Id-Difiza rriteniet fit-trattazzjoni taghha, li hemm bzonn l-element ta' *lucrum* u peress li ma giex ppruvat li effettivament thallas xi flus, dan l-element huwa nieqes u konsegwentement ghandu jigi liberat.

Illi bl-akbar rispett lejn d-Difiza, il-Qorti ma taqbilx ma din il-linja difensjonali ghaliex il-*lucrum* mhux bilfors ghandu jsarraf f'xi element ta' qligh monetarju kif sostniet d-Difiza, u dan ghaliex l-legislatur qaghad attent kif jifformola il-ligi, ghaliex ipprovda l-kwantifika ghal qligh, ghaliex qal 'qligh li jkun.' B'dan il-legislatur ried ifisser li l-qligh mhux bilfors kellu jkun monetarju, bizzejjed jinghad li ghen ghal pjaicr ta' haddiehor u b'hekk sahhah l-hbiberija mieghu. Dan wkoll huwa qligh, mhux monetarju jew patrimonju izda huwa qligh iehor f'forma ta' favur ghal habib.

Ma hemmx dubbju li kien l-imputat Ahmed Moussa Yassine li sab il-kuntatt sabiex il-familja Lebaniza titlaq minn Malta b'mod klandestin u ghalhekk ghen, assista ta parir u habrek sabiex din il-familja tohrog minn Malta kontra l-ligi.

Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-akkuza tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar r-reat ta' pussess ta' passaporti, ghalkemm mhux moghti mill-Prosekuzzjoni fil-presentata, jidher li nghatat mill-Avukat Generali permezz tar-rinviju li baghat.

Illi dwar din l-akkuza din il-Qorti m'ghandhix wisq xi tghid ghaliex effettivament ma jirrizultax li f'xi hin l-imputat Ahmed Moussa Yassine kellu xi passaport ta' terzi fil-pussess tieghu u ghalhekk tali akkuza ma gietx ppruvata fil-konfront ta' dan l-imputat.

Dwar l-imputat Ali Samih Taki, s-sitwazzjhoni hija ghal kollox differenti ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li hu ghamel qligh monetarju mit-traffikar ta' familja Lebaniza b'mod klandestin minn Malta lejn l-Italja.  Jirrizulta wkoll ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kellu fil-pussess tieghu varji passaporti ta' terzi minghajr raguni valida fil-ligi u ghalhekk l-imputat Ali Samih Taki ghandu jinstab hati ta' dawn iz-zewg akkuzi.

Ghall-istess raguni moghtija fil-konfront tal-imputat Ahmed Moussa Yassine, din il-Qorti ma ssibx lil imputat hati tal-akkuza ta' assocjazzjoni.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti rat li ghalkemm l-imputati nghataw l-istess akkuzi, din il-Qorti ma sabitx t-tnejn hatja tal-istess akkuzi. Inoltre, il-partecipazzjoni tal-imputati ma kienetx l-istess.

Illi ghalhekk il-piena li sejra timponi din il-Qorti hija differenti.

Il-Qorti rat li hija prekluza milli tapplika l-procedura ta' probation order, ta' sentenza sospiza u l-applikazzjoni tal-artikolu 21 f'dan il-kaz, ghalkemm l-imputati ghandhom fedina penali netta.

Ghalhekk **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 337A u 48A tal-Kap 9 u l-artikolu 3 tal-Kap 61 tal-Ligjiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat AHMAD MOUSSA YASSINE hati tar-reat ta' traffikar ta' persuni u tikkudannah ghal piena karcerja ta' sitt xhur u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u tilliberah minnhom, filwaqt li tiddikjara li ssib lil imputat ALI SAMIH TAKI hati tal-akkuza ta' pussess ta' passaporti ta' terzi u ta' traffikar ta' persuni minn Malta b'mod klandestin u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn u tiddikjara li ma ssibux hati tal-akkuza ta' kongura u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------